**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 17/16(26_04_16).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' April 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier wasal fil-laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija.

Is-Sinjorina Maria Masini - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-19 ta' April 2016.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Ilmenti.
6. Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat.
7. Festa ta' San Pawl Nawfragu 2016.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti ttieħdu bħala moqrija ġew iffirmati.

1.06 Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jgħaddi għal *item* 3. Kien hemm qbil dwar dan.

**3.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015.**

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2015. Dawn il-*Financial Statements* ġew ippreparati mill-*Accountant* Daniel Galea u vverifikati mill-Awdituri RSM Malta. Għal din is-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill nefaq is-somma ta' €10,405 aktar milli daħħal. Dan l-ammont ittieħed mir-riservi.
Preżenti fil-laqgħa kien hemm l-*Accountant* Daniel Galea. Huwa spjega fid-dettal il-*Financial Statements* u rrisponda għad-diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

Il-ħin kien is-6.00 ta' filgħaxija u s-Sur Paul Curmi wasal fil-laqgħa.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'VAT u *Performance Guarantee*'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Migrazzjoni Sħiħa għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – ePPS*) www.etenders.gov.mt'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Aġenda, Minuti u Skedi ta' Pagamenti'.

2.04 Il-Kunsill irċieva l-lista tal-'Applications for Development Permission Received by the Malta Environment and Planning Authority' u l-'List of Decision Notifications for Development Permission issued by The Malta Environment and Planning Authority', tat-23 ta' Marzu 2016, maħruġa mill-MEPA fuq it-Times of Malta.

2.05 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand is-Soċjetà Maltija tal-Ortikultura għall-Wirja Annwali, fl-14 u fil-15 ta' Mejju 2016, fil-Ġonna ta' San Anton. Il-Kunsill jista' jipparteċipa f'din l-attività nazzjonali billi jippreżenta xi arranġament tal-fjuri jew qoffa bil-ħaxix li wara tiġi mgħotija lid-Dar tal-Providenza.

2.06 Il-Kunsill irċieva l-lista tal-'Applications for Development Permission Received by the Malta Environment and Planning Authority' u l-'List of Decision Notifications for Development Permission issued by The Malta Environment and Planning Authority', tat-30 ta' Marzu 2016, maħruġa mill-MEPA fuq it-Times of Malta.

2.07 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Europe Direct Information Centre – Victoria Gozo għall-*event* organizzat għall-Kunsilli Lokali Għawdxin u libreriji, fit-22 ta' April 2016, fil-Gozo Central Public Library, Pjazza San Franġisk, Victoria.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Funds and Programmes Division, Ministry of European Affairs an Implementation of the Electoral Manifesto (MEAIM) rigward 'Launch of the ENI CBC MED Programme 2014-2020', fit-13 ta' April 2016, fil-Fortifications Interpretation Centre, Valletta.

2.09 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circular 21/2016 – 'Advancing in Society through Empowerment', mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed jitwassal invit mingħand in-National Council of Women Malta rigward 'Advancing in Society through Empowerment - Course', bil-bidu tiegħu fil-11 ta' April 2016, fin-National Council of Women Learning Centre, Blata l-Bajda.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The National Observatory for Living with Dignity fi ħdan The President's Foundation for the Wellbeing of Society rigward *public workshop* dwar 'Sustainable Development Goals (SDGs)', fit-22 ta' April 2016, fil-President's Palace, Valletta.

2.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari LCA Circular 22/2016 – 'Project Conference AC4ACP' li hija invit għall-konferenza 'Combating Climate Change', fit-13 ta' Mejju 2016, fil-Plaza Hotel, Sliema.

2.12 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Global College Malta għat-tieni Annual Careers Expo, fis-26 ta' April 2016, fil-Global College Malta, SmartCity Malta.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward *consultation session* dwar 'EU Drugs Strategy', fil-25 ta' April 2016, fil-Fortress Buildings, Valletta.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The President's Foundation for the Wellbeing of Society rigward żewġ *posters* li qed jibagħtu lill-Kunsill sabiex jitpoġġew fin-*notice board*. Wieħed minnhom huwa dwar invit lin-nies sabiex isiru voluntiera ma' The President's Foundation for the Wellbeing of Society u jipparteċipaw u jkunu parti minn wieħed jew aktar mill-proġetti li jorganizzaw filwaqt li l-ieħor jiffoka fuq il-Kampanja 'Donate a Book'.

2.15 Il-Kunsill irċieva invit mingħand l-URBACT National Contact Point, Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-'URBACT Implementation Networks Information Session', fis-27 ta' April 2016, fil-Fortress Builders - Fortification Interpretation Centre, Valletta.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Interreg Europe Project Proposals – Maltese Partners needed', b'mehmuż lista ta' ħmistax-il *project proposals* taħt l-Interreg Europe Programme li qed ifittxu *potential partners* u li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jaħseb li huma opportunità ideali għall-Kunsilli ta' Malta u Għawdex.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 17/16(26_04_16).

## 5.00 Ilmenti.

5.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' *garages* f'Ta' Barda, Il-Munxar sabiex titwaħħal lampa ġdida ma' arblu li huwa diġà mwaħħal. Il-Kunsill jaqbel iżda s-sid irid iġib provi li l-każ tal-Qorti dwar dak l-arblu huwa magħluq.

5.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi fejn ilmentat li peress li Triq Ras il-Bajjada ser tkun magħluqa għal ħames ġimgħat, il-karozza tal-linja ma hijiex tgħaddi u b'hekk ma tistax toħroġ mid-dar. Il-Kunsill ftiehem mal-Water Services Corporation sabiex jipprovdilha trasport privat darbtejn fil-ġimgħa għar-Rabat.

5.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tagħmel riċerka fuq il-lokalità tal-Munxar u Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob li jiġi mlaqqa' ma' persuni b'karattru uniku għal-lokalità u japprezza xi kotba u/jew rivisti li nħarġu mill-Kunsill li joffru sfond tajjeb għall-istorja tal-lokalità. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħatlu xi kotba dwar Il-Munxar u se jiġi aċċivinat il-Kanċillier Mons. Salv Debrincat.

5.04 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-Uffiċċju għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali dwar quddiesa li ser issir għall-anzjani kollha fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, nhar il-Ħadd, 8 ta' Mejju 2016, fis-Santwarju Ta' Pinu. Ser ikun hemm trasport b'xejn mill-pjazza ewlenija ta' kull raħal. Il-Kunsill qed ikun mitlub sabiex jinforma lill-anzjani tar-raħal dwar din l-attività.

5.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-24 anniversarju tat-12 ta' Mejju International Awareness Day. Il-Kunsill qed ikun imħeġġeġ sabiex jixgħel il-faċċata tal-Kunsill sabiex tgħin f'dan l-*awareness* fil-ġranet tal-11 u 12 ta' Mejju 2016. Ġie deċiż li l-Kunsill idawwal il-faċċata bil-kulur *purple* li jirrappreżenta l-*Fibromyalgia* (FM).

5.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda Żgħażagħ Pawlini Munxarin rigward l-attività li ser tiġi organizzata s-Sibt, 28 ta' Mejju 2016. Huma qed jitolbu sabiex jiġu xxiftjati tliet lampi li huma mwaħħla mal-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali, *sound* għas-serata, *projector* u *truss* biex jintwera l-*feature*, dwal għal waqt il-*feature* u għall-faċċata taċ-Ċentru Parrokkjali kif ukoll il-produzzjoni tal-*feature*. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jiġbor l-istimi sabiex ikun deċiż fl-laqgħa oħra.

5.07 Il-Kunsill iċieva *e-mail* mingħand l-Organizzatur tal-Gozo Ceramics Festival li ser isir fil-Bajja tax-Xlendi fis-6 t'Awwissu 2016. Il-Kunsill ġie mitlub jgħin f'din l-attività. Ġie deċiż li l-Kunsill joffri l-Mitħna Sotterranja għal dik il-ġurnata biss mingħajr ħlas iżda trid titħallas kapparra ta' €500 sabiex tkun ta' garanzija għal xi ħsarat li jistgħu jsiru fl-apparat tal-Mitħna mill-organizzaturi. Din hija l-istess pożizzjoni li ħa l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

5.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bħala risposta dwar ilment li s-Sur Paul Curmi bagħat lid-Dipartiment rigward *recordings* tal-laqgħat. Id-Dipartiment ikkwota Art. 14A (9) tal-Att 363 li jgħid: (9) Kunsill jista' b'riżoluzzjoni, japprova r-rekordjar jew reġistrazzjoni oħra ta' proċedimenti għall-iskop uniku li jiġi faċilitat l-abbozzar tal-Minuti. Dawn ir-reġistrazzjonijiet kollha jistgħu jitħassru wara li l-Minuti tal-laqgħa relattiva jkunu ġew approvati. Is-Sur Paul Curmi ddikjara li jaf b'każ li r-*recording* tal-laqgħa ngħataw lill-terzi persuni. Hawnhekk, is-Segretarju Eżekuttiv ċaħad din l-allegazzjoni.

5.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kordinatur Reġjonali t'Għawdex tal-Valletta 2018 rigward il-Valletta Green Festival 2016 li tinkludi l-infjorita u tapit ta' fjuri spettakolari fi Pjazza San Ġorġ. Il-Fondazzjoni Valletta 2018 qed tistieden 20 anzjan/a mil-lokalità tagħna għal dan il-*festival*. It-trasport mill-Pjazza tal-Munxar għall-Belt Valletta ser ikun b'xejn, ipprovdut mill-Fondazzjoni. Il-Viċi Sindku ser jakkompanja lil dan il-grupp.

5.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand resident ta' Triq il-Kantra dwar abbużi li qed isiru f'*area* privata fit-tarf ta' Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi diġà ddeċieda li jagħmel tabelli.

5.11 Wara li l-Kunsill irċieva lment dwar il-*barriers* li tpoġġew fid-daħla ta' sit ta' kostruzzjoni li qed titħammel fi Triq San Xmun, iċ-*Chairperson* kellem lis-sid li nfurmah li bħalissa x-xogħol waqaf peress li sar mandat minn terzi persuni. Jekk ix-xogħol ser jitwaqqaf b'mod permanenti, il-*barriers* se jitranġaw sew iżda jekk ix-xogħol jitkompla, il-*barriers* ser jitneħħew.

5.12 Il-Kunsill irċieva talba sabiex isir *reserved parking* quddiem ħanut li jbigħ biljetti tal-Lottu fi Triq ir-Rabat. Il-Kunsill, bħall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ma jaqbilx ma' din it-talba.

5.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu rapport mill-Kunsill Lokali rigward ir-*reserved parking bay* mir-resident li joqgħod 'Ta' Gerita', Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Il-Kunsill, bħall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni iżda mhux ser jibgħat rapporti minħabba li ma għandux informazzjoni dwar din il-persuna li għamlet it-talba.

5.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Event Design fejn qed jitolbu permess sabiex issir iċ-ċerimonja taż-żwieġ fuq is-salini viċin it-Torri tax-Xlendi. Wara li ntalbet tagħti parir, l-Għaqda Wirt Għawdex ma taqbilx li jingħataw permessi ta' din ix-xorta. Bħall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, il-Kunsill ma jaqbilx ma' din it-talba.

5.15 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi b'referenza għall-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 - Memo 30/2015 li l-applikazzjoni tal-Kumitat dwar l-attività 'Ix-Xlendi Spring Festival' ma setgħetx tibbenefika peress li l-Bord għażel l-applikazzjoni l-oħra 'Kalendarju ta' Attivitajiet - Ix-Xlendi'. Għal din l-attività l-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €2,000 li se tinqasam f'€1,000 għall-fjakkolati u €1,000 għar-*rock bands*.

5.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Ispettur Bernard Charles Spiteri dwar vettura abbandunata fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob lill-Kunsill sabiex jibda l-proċeduri sabiex il-vettura titneħħa u tiġi skrepjata. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li ma jafx li hemm xi proċeduri addattati mill-Kunsill Lokali sabiex jiġu skrepjati vetturi.

5.17 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand Star Line Creations Productions. Huma ser jipproduċu programm fejn se joffru lill-Kunsill Lokali sabiex jintroduċi persuna mil-lokalità, il-festa jew attività speċjali. Il-Kunsill ma huwiex interessat dwar din il-proposta.

5.18 Il-Kunsill irċieva kopji ta' *e-mails* li l-Inġinier Renzo Curmi f'isem ir-Reġjun Għawdex bagħat lill-Inġinier Grixti rigward id-devoluzzjoni tal-lampi lir-reġjun.

5.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Munxar Falcons Football Club fejn staqsew lill-Kunsill jekk huwiex interessat jerġa' jorganizza *Sports Festival* fil-gimgħa tal-festa bħalma sar fis-snin l-imgħoddija. Il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta u lest li jħallas lill-Munxar Falcons Football Club is-somma ta' €236.

5.20 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsilli li b'referenza għal-laqgħa ta' informazzjoni li saret fid-29 ta' Marzu 2016 rigward is-sejħa għall-proġetti taħt il-fond tal-ERDF, partikolarment *Priority Axis* 4 u 5, il-Kunsill irid jimla dokument fejn qed jintalab informazzjoni ġenerali dwar il-proġetti. Il-Kunsill wera interess fi *Priority Axis* 4 billi ssir 'Off Grid Photo Voltaic & Lightning System', għat-Torri tax-Xlendi u xi tip ta' vettura għal ġarr ta' merkanzija li taħdem bid-dawl. Għall-*Priority Axis* 5, il-Kunsill se japplika għar-restawr tat-Torri tax-Xlendi.

**6.00 Ftehim ma' Green MT dwar Skart Riċiklat.**

6.01 F'laqgħa li saret bejn is-Sindku, Segretarju Eżekuttiv u s-Sur Joe Attard Rappreżentant tal-Green MT ġejna infurmati li daqt titħabbar direzzjoni mill-Ministeru fejn ser ikun obligatorju li jkun hemm *Bring-in-Site* għal kull 400 (erba' mitt) resident f'kull lokalità. Għaldaqstant, it-tneħħija tal-*Bring-in-Site* tad-daħla tal-Munxar ma tistax issir għalissa, iżda l-perit xorta jrid ikompli jaħdem fuq disinn ta' *embellishment* tal-*area*.

Peress li kienu saru t-8.13 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju 2016, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| **Carmen Said** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |